24 ta' April, 1951.

Imħallef:

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

**Joseph Vassallo** *versus* **Emmanuele Vassallo et.**

**Transazzjoni — Sentenza — Minuri — Awtorizzazzjoni tal-Qorti.**

*Meta l-partijiet jittransiġu kawża u jitolbu sentenza fit-termini tat-transazzjoni, u fil-kawża ikunu interessati xi minuri, il-Qorti hija kompetenti biex tagħti l-awtorizzazzjoni opportuna biex dik it-transazzjoni sseħħ fl-interess tal-minuri.*

*U l-Qorti tagħti sentenza fit-termini tat-transazzjoni, meta t-transazzjoni tidħol fit-termini taċ-ċitazzjoni u ma jkun hemm xejn kuntrarju għall-prinċipji ta' ordni publiku.*

Il-Qorti, — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur ippremetta li f'Diċembru 1946, bħala assoċjat in parteċipazzjoni mal-konvenuti u Louis Glanville (il-lum maħruġ mill-isħab), l-attur xtara mit-Tarzna partita madum ("fire bricks") u oġġetti oħra biex jerġgħu jinbiegħu, u dana bil-patt li l-qliegħ nofsu għall-attur u n-nofs l-ieħor għall-konvenuti, u fl-istess proporzjoni jiġi sopportat it-telf; u illi l-konvenuti biegħu mill-oġġetti fuq imsemmija, u mis-27 ta' Diċembru 1948 ma rrendewx lill-atturi kont tal-ġestjoni tagħhom, għad li ġew interpellati b'ittra uffiċjali tat-12 ta' Ġunju 1950; u talab li, wara li jingħataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha meħtieġa, il-konvenuti nomine u proprio jiġu kundannati jirrendu lill-attur kont eżatt u ġustifikat tal-bejgħ li sar mis-27 ta' Diċembru 1948, u dana fi żmien qasir u perentorju; u jekk jonqsu, l-attur jiġi awtorizzat jiddetermina l-ammont u jikkonfermah bil-ġurament, salvi drittijiet oħra; bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tat-12 ta' Ġunju 1950, kontra l-konvenuti proprio et nomine, li għandhom jidhru għas-subizzjoni;

*Omissis:*

Trattata l-kawża, ikkunsidrat;

Il-partijiet talbu li tingħata sentenza skond it-transazzjoni li hemm fil-fol. 25 (ara rikors fol. 27), kif spjegata bil-verbal fol. 29;

Peress li t-transazzjoni tidher ta' vantaġġ għall-minuri Lewis Vassallo (kif rappreżentat f'din il-kawża), għaliex fil-

fatt hu ma hux sejjer ihallas ebda parti mis-sorti mifteh-ma.................;

Din il-Qorti hi kompetenti biex taghti l-awtorizzazzjoni opportuna, trattandosi ta' provvediment li sar mehtieġ fil-pendenza tal-kawża (arg. P.A. "Cini utrinque", 4. 12. 1895);

Peress li għall-bqija ma hemm ebda ostakolu li tingħata sentenza skond it-transazzjoni, ġa ladarba t-transazzjoni tidhol fit-termini tac-ċitazzjoni, u ma hemm xejn kontra l-prinċipji ta' ordni pubbliku, kif ġie kemm il-darba deċiż;

Għalhekk;

Prevja l-approvazjoni tat-transazzjoni verbalizzata fol. 25. kif spjegata fol. 29;

Tiddeċidi;

Billi tikkundanna lill-konvenuti.............;

L-ispejjeż jitħallsu mit-tliet konvenuti f'rati ugwali; b'dan illi dawk tal-minuri jitħallsu minn minn sehmu eventwali fl azjenda.